# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council

**Minuti tad-19-il laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025 fis-6:05 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Skużat** :

| | |
|---|---|
| Owen Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**19.01 Talba**

19.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**19.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

19.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li l-Kunsillier Sciberras infurmana b'*email* li ma jistax jattendi l-laqgħa għal raġunijiet ta' saħħa. Madankollu, il-Kunsillier Sciberras se jkun qed jibgħat *email* b'punti biex jiġu diskussi waqt din il-laqgħa.

**19.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 18**

19.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 18 ġew approvati unanimament. Is-Sindku pproponiet u l-Kunsillier Ghigo issekonda.

**19.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.04.01 Is-Sindku infurmat li hi flimkien mas-S.E. attendew laqgħa ma' Infrastruttura Malta (IM), wara li kienet avżat lill-Kunsillieri dwarha permezz ta' *WhatsApp*. Għalkemm kienet mitluba laqgħa mal-Ministru, preżenti kien hemm uffiċjal responsabbli mill-Kunsilli Lokali, kif ukoll rappreżentant ta' IM u ieħor mill-istess Ministeru. Matul il-laqgħa, is-Sindku ppreżentat ir-rapport tekniku dwar Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn intqal li dan se jkunu qed jarawh persuni tekniċi filwaqt li ttieħdu nota tal-punti kollha mqajma. Ġie mfakkar li se jkun jinħtieġ li issir distinzjoni bejn ix-xogħlijiet li jaqgħu taħt IM u dawk taħt TM. Intqal ukoll li l-Kunsill se jiġi kkuntattjat lura, iżda s'issa għadu ma wasal l-ebda rispons. Waqt din il-laqgħa s-Sindku staqsiet meta se jkunu qed jibdew it-toroq bl-aktar urġenti Triq Mons Alfons Caruana

u Triq il-Franka. Karen Schembri minn IM qalet li dalwaqt se jkun qed jibda x-xogħol għaliex il-Perit u l-Kuntrattur ġew assenjati. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.02 Is-Sindku infurmat lill-membri li kellha laqgħa fuq il-post fi Triq il-Lanġasa ma' rappreżentanti minn IM, fejn ġie indikat li x-xogħlijiet fi Triq il-Lanġasa u fl-Isqaqien huma mistennija jibdew fl-1 ta' Novembru 2025 u mistennija jdumu madwar sittax-il ġimgħa. IM iltaqgħu ukoll mal-*WSC* u mal-Enemalta biex jikkoordinaw l-interventi neċessarji. Parti mix-xogħol se ssir bl-idejn minħabba strutturi ta' valur storiku taħt waħda mir-residenzi, filwaqt li l-uċuħ tat-toroq se jsiru *stencilled concrete* kif sar fi Sqaq Nru 3 fi Triq il-Parroċċa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.03 Is-Sindku infurmat li x-xogħol fuq Sqaq Numru 3 fi Triq il-Parroċċa tlesta b'suċċess minn IM, u ġie wkoll iċċertifikat mill-Periti tal-istess entità. Hija rrimarkat li ma kienx hemm problemi matul il-proċess, anzi kien hemm kliem ta' tifħir dwar il-kwalità u l-professjonalità tax-xogħol imwettaq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.04 Is-Sindku qalet li, minkejja li kien antiċipat li x-xogħol f'parti minn Triq Santa Katerina, bejn Triq San Innoċenzju u Sqaq Nru 2, li għandu jitwettaq permezz tal-*Public Works* u jinkludi l-qlugħ tat-triq kif ukoll il-bdil tal-bankini, jibda ġimgħa ilu, il-proċess tal-permess *RWP* kien aktar kumpless milli mistenni. Hija spjegat li, minħabba n-natura sensittiva taż-żona, se jkun meħtieġ isir monitoraġġ mill-*SCH*. Għaldaqstant, ix-xogħol jista' jieħu aktar żmien milli kien previst. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.05 Rigward il-proġett fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, is-Sindku spjegat li għal dan is-sit ukoll ġie mitlub li jsir il-moniteraġġ mill-SCH minħabba li hemm il-Katakombi. Hija qalet li l-ispiża ta' dan il-moniteraġġ kienet se tkun sostanzjali u inizjalment kienet se taqa' fuq il-Kunsill, iżda wara li s-Sindku għamlet kuntatt mal-*Public Works* u spjegat li l-Kunsill ma jistax jagħti *direct order* mingħajr stimi jew proċeduri formali, ġiet infurmata li dawn l-ispejjeż se jkunu assorbiti mill-*Public Works* stess, minkejja li huma parti mill-*framework*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.06 Is-Sindku tkellmet dwar il-laqgħa li kellha ma' *Projects Green*, li għaliha kienu mistiedna l-Kunsillieri iżda ħadd ma attenda. Hija spjegat li ġiet ippreżentata l-pjanta proposta għall-Ġnien f'Misraħ il-Fidwa, li tinkludi tnaqqis fil-bankina biex il-parkeġġ isir b'mod *slanting*, filwaqt li l-bqija jibqgħu kif inhuma. Il-proposta għadha teħtieġ l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Is-Sindku insistiet ma' *PG* li l-bandli jibqgħu parti mill-ġnien u infurmat li qed tintalab ukoll biografija dwar is-Sur Nicky Briffa għall-approvazzjoni tal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq. Wara ssir konsultazzjoni pubblika u mbagħad *PG* tidħol għall-implimentazzjoni permezz ta' *DNO*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.07 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li nhar it-29 ta' Ottubru 2025, fid-11:00 a.m., se ssir laqgħa mal-ERA fl-uffiċini tagħhom, dwar il-kwistjoni li kienet tqajmet minnha waqt il-laqgħa tar-Reġjun mal-Ministru, relatata mal-istat ta' Triq tas-Sejba fir-rigward tat-trabijiet. Is-Sindku spjegat li, minkejja li kienet saret laqgħa mal-istess awtorità sena ilu dwar dan is-suġġett, s'issa ma sar l-ebda progress. Hija żiedet tgħid li infurmat ukoll lill-*Environmental Manager* tar-Reġjun Punent sabiex jattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

19.04.08 Rigward ir-rampa li saret mill-*Public Works* fil-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku infurmat li sal-lum il-ġurnata għadha ma waslet l-ebda ċertifikazzjoni tax-xogħol imwettaq, minkejja li hija segwiet personalment mad-Direttur responsabbli. Hija rrimarkat ukoll li waslulha diversi lmenti mir-residenti dwar il-bankina li saret inaċċessibbli minħabba li tinsab magħluqa mit-tarf b'ostaklu fit-triq u qed jagħmlu diffiċli l-aċċess għal min irid juża r-rampa. Is-Sindku qalet li kellmet lill-avukat tal-Kunsill sabiex tintervjeni f'dan il-każ. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.09 Is-Sindku infurmat li hija ġiet imsejħa bħala xhud nhar il-31 ta' Ottubru 2025 rigward il-każ tal-kuntrattur tal-*Public Works* waqt ix-xogħol fil-Pjazza tal-Knisja, kif ukoll għandha taħrika oħra bħala xhud nhar is-26 ta' Novembru 2025 dwar id-devjazzjoni tat-traffiku ta' Triq tas-Sejba, li x'aktarx hija relatata max-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' din it-triq mwettaq lura fi Frar 2023. Il-Kunsillieri ddiskutew is-suġġett u ġie nnutat li s-*site plan* mehmuża mat-taħrika hija kopja tad-devjazzjoni proposta li kien ippubblika l-Viċi Sindku, li tinkludi wkoll l-użu ta' Sqaq Buhar. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill kien dejjem ressaq proposti relatati, iżda l-implimentazzjoni tad-devjazzjoni tat-traffiku kif ukoll ix-xogħol tat-triq kien sar minn IM. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.10 Rigward Jum l-Imqabba 2025, is-Sindku qalet li l-attivitajiet kollha kienu ta' suċċess, iżda minħabba t-temp ħażin ma setgħetx issir il-Wirja tal-Karozzi fil-Pjazza. Il-Kunsillieri, inkluż il-punt imqajjem mill-Kunsillier Sciberras permezz tal-*email* li bagħat minkejja n-nuqqas ta' preżenza tiegħu f'din il-laqgħa, iddiskutew il-possibbiltà li l-wirja tiġi posposta, billi anke t-*tokens* għall-parteċipanti huma diġà lesti. Fost is-suġġerimenti kien hemm li l-attività ssir l-għada tal-"Mixegħla tal-Pjazza". Intqal li għandu jiġi verifikat jekk il-Kunsill hux ser jiġi rimbursat mill-Pulizija rigward il-*clearance* u l-*buon ordni*, u f'każ li le, jiġi kkunsidrat li nitolbu s-servizz tal-LESA. Kien hemm qbil biex jiġi kkomunikat ma' tal-karozzi sabiex jiġi stabbilit meta se jkunu disponibbli. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.11 Is-Sindku infurmat lill-membri tal-Kunsill li Natasha (*CWSEF*) għażlet li ma tibqax taħdem mal-Kunsill minħabba d-distanza u xi diżgwid mal-iskrivana tal-Kunsill. Hija żiedet li minkejja li mis-*CWSEF* ġiet infurmata li kienet se tintbgħat impjegata ġdida, hija ma aċċettatx dan qabel ma tiddiskuti l-każ mal-Kunsillieri u ssir intervista, anke skont il-ftehim li hemm bejn il-Kunsilli Lokali u s-*CWSEF*. Minkejja dan, Natasha ressqet ir-riżenja tagħha. Is-Sindku talbet min mill-Kunsillieri huwa disponibbli biex jattendi għall-intervista nhar il-Ġimgħa, u l-Kunsillier Sciberras informa li jista' jattendi. Mill-informazzjoni li ingħatat is-Sindku, il-persuna l-ġdida mis-*CWSEF*, bħalissa qed taħdem bħala *Receptionist* mal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.12 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li minn Settembru 2025 inbidlu r-regolamenti tal-Kulleġġ San Benedittu, fejn kull min, inkluż il-Kunsill, ikollu juża l-Iskola Primarja jkun meħtieġ jagħmel *insurance*. Filwaqt li l-Ministeru tal-Edukazzjoni jirrikonoxxi li l-Kunsilli Lokali m'għandhomx iħallsu din l-ispiża, bħalissa hemm lakuna f'xi *SOP* li ma tistax tiġi emendata minħabba l-assenza tas-Segretarju Permanenti. Grazzi għall-intervent tad-Direttur Ġenerali Emil Vassallo, il-Kunsill seta' juża s-Sala tal-Iskola għal Jum ir-Raħal u għall-*Afternoon Tea* li ġej. Madankollu, minħabba l-kwistjoni pendenti tal-*insurance*, l-avukat tal-Kunsill irrakkomandat li ma tinħariġx is-sejħa għal-librara, anke sakemm jitlestew l-emendi fil-ftehim mal-*Malta Libraries*. Is-Sindku żiedet li l-librara preżenti tista tkompli toffri temporanjament is-servizz tagħha nhar ta' Tlieta filgħodu biss, filwaqt li oħtha li hi librara

wkoll, tkun tista' taqdina nhar ta' Sibt filgħodu. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill għandu juża s-servizzi tagħhom it-tnejn, bi ftehim mal-*Malta Libraries*.

F'dan il-punt is-Sindku irrimarkat li rigward is-sejħa tal-librara, in-nuqqas kien li min-naħa tal-uffiċċju, din kienet għadha ma ħarġitx. Hija kompliet li bl-istess mod, minkejja li l-Kunsill kien qabel sabiex tinħareġ sejħa għal *Administration Officer*, sal-lum, din għadha ma ħarġitx. Is-S.E. infurmat li min-naħa tagħha, għal raġuni li mhix tlaħħaq max-xogħol minħabba propju nuqqas ta' staff, għadha ma ħarġitx is-sejħa esterna wara li diġà kienet ħarġitha internament mal-Kunsilli Lokali fejn ma applika ħadd, kif ukoll wara li ġew intervistati żewġ applikanti provduti mil-lista ta' *Jobsplus* li ma nstabux eliġibbli. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dan. Is-S.E. tat il-kelma li se tippubblika s-sejħa.

Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.04.13 Is-Sindku avżat li nhar il-25 ta' Novembru 2025 se tkun qed torganizza *Buffet Breakfast* għar-residenti Mqabbin ġewwa r-*Riviera Hotel*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**19.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

19.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa lis-S.E. jekk sarx xi ħaġa rigward l-*istoppers* u l-lampa tat-triq fi Triq il-Barrieri. Is-S.E. wieġbet li għadha ma ħadmitx fuqhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.05.02 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill dwar il-funtana tal-Ġnien M'Anġ, fejn qal li wara li ltaqa' ma' Joe, li ħadem fuq il-funtana tal-Ġnien tal-Mentna, ġie kkonfermat li l-vaski ma jnixxux peress li l-livell tal-ilma baqa' stabbli wara jumejn. Madankollu, il-ħaddiema tal-Kunsill indikaw li jista' jkun hemm *leak* fil-pajpijiet taħt l-art, billi l-ilma jonqos meta l-funtana tkun qed taħdem. Huwa ssuġġerixxa li jsir test ta' *water leak detection*, u s-Sindku qalet li se tikkuntattja lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma (WSC) biex tara jekk jistgħux jassistu. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk hemmx data dwar rispons marbut mar-rapport tekniku ta' Triq il-Konvoj. Is-Sindku wieġbet li bħalissa m'hemmx data, peress li r-rapport għadu qed jiġi eżaminat mill-esperti, filwaqt li l-Kunsill se jibqa' isegwi l-każ. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

19.05.04 Il-Kunsillier Galea esprima l-qbil tiegħu li l-attivitajiet marbuta ma' Jum l-Imqabba kienu kollha ta' suċċess, filwaqt li ma qabilx ma' parti mid-diskors tas-Sindku waqt is-Serata Ġieħ l-Imqabba, fejn hija rrimarkat li l-fili tal-Isptar il-Qadim kellhom jinbidlu minħabba li 25 sena ilu x-xogħol ta' restawr ma kienx sar skont l-arti u s-sengħa. Is-Sindku ċċarat li qalet hekk għax, skont ir-restawratur professjonali li bħalissa qed jirrestawra l-Isptar il-Qadim, dak iż-żmien kien diġà jeżisti l-*"hydraulic lime"*. Il-Kunsillieri ddiskutew dan il-punt u ħadu nota.

19.05.05 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar is-sors ta' finanzjament tal-*catering* għall-*Afternoon Teas* organizzati mill-Kunsill. Is-Sindku spjegat li l-ikel jiġi provdut bi prezz speċjali minn *caterer*, li jitħallas mill-biljett stess. Hija stednitu biex x'ħin irid imur jara l-irċevuti kollha.

19.05.06 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar is-*Social Impact Assessment* mir-Reġjun Punent. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill se jirċievi l-istedina għall-preżentazzjoni relatata ma' dan l-*assessment*, li skond kif ġie diskuss f'waħda mil-laqgħat tar-Reġjun, mistennija ssir nhar l-14 ta' Novembru 2025. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.05.07 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar meta se jitwettaq ix-xogħol fl-Isqaqien Nru. 1 u 2 fi Triq il-Parroċċa. Is-Sindku spjegat li x-xogħol fuq dawn l-isqaqien se jitkompla wara li jitlesta l-proġett ta' Triq il-Lanġasa u l-Isqaqien, li qed isir mill-istess kuntrattur ta' IM. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk tistax issir talba sabiex bejn l-aħħar parkeġġ u l-linja doppja safra quddiem ir-rampa l-ġdida fil-Pjazza issir *Junction Box* sabiex tinżamm iż-żona libera. Is-Sindku qalet li, għalissa, qabel ma tiġi riżolta l-kwistjoni mal-*Public Works*, l-aħjar hu li ma jsir ebda intervent. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-ħaddiema tal-Kunsill marrux jaraw il-*bollards* maqlugħin fis-*service road* fi Triq il-Konvoj, u jekk iva x'ser ikun qed isir. Is-S.E. ikkonfermat li l-ħaddiema marru fuq il-post u neħħew il-periklu billi qalgħu l-*bolts* li kien fadal mill-imsemmija *bollards*. Ġie spjegat ukoll li l-*bollards* ġodda ġew ordnati u installati mill-kuntrattur tal-Kunsill, KOPTASIN. Intant, ġie nnutat li bollard oħra reġgħet inqalgħet fl-istess sit u din ukoll ser tiġi sostitwita mill-istess kuntrattur. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk bħala Kunsill nistgħux napplikaw għall-iskema "Minn Pjazza għal Pjazza" jekk ikun hemm interess. Is-Sindku spjegat li, kif kienet diġà indikatlu, is-sett ta' lokalitajiet li kellhom jipparteċipaw f'din l-edizzjoni tal-iskema kien diġà magħżul. Madankollu, hija żiedet li jekk is-sena d-dieħla terġa' toħroġ l-istess skema, wieħed ikun jista' japplika. Hija fakkret li din kienet skema li ħarġet fejn ix-xogħol kollu kellu jsir fi żmien ġimgħa, li kienet impossibbli issir fil-festi. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**19.06 Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

19.06.01 Is-S.E. infurmat lill-Kunsillieri li din il-laqgħa għandha tiġi skedata sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2025, sabiex jiġu ppreżentati l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026. Is-Sindku ssuġġeriet li l-laqgħa ssir fl-istess ġurnata tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, prevista għal Novembru 2025, u b'hekk ġie deċiż li l-laqgħa ssir nhar il-11 ta' Novembru 2025 fil-5.00 p.m. Dwar dan kien hemm qbil b'mod unanimu.

19.06.02 F'dan il-punt, il-Kunsillieri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill għax-xahar ta' Diċembru 2025 tiġi skedata għal nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru 2025, fis-5:45 p.m.

**19.07 Milied 2025**

19.07.01 Is-Sindku infurmat lill-membri tal-Kunsill li nhar il-Ġimgħa li għadda saret konferenza tal-aħbarijiet li matulha ngħata l-ftehim iffirmat relatat mal-fondi mogħtija taħt l-iskema SPI.SCI.04.2025 – Espressjoni ta' Interess Milied 2025. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ngħata s-somma massima ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) biex jorganizza l-attività tal-Milied "Il-

Mixegħla tal-Pjazza". Is-Sindku żiedet tgħid li dawn il-fondi se jingħaqdu ma' dawk li l-Kunsill se jirċievi wkoll mingħand ir-Reġjun Punent sabiex l-attività titwettaq b'suċċess.

19.07.02 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li bħalissa hi, flimkien mas-S.E., tinsab f'kuntatt mal-organizzatur tas-serata, is-Sur Alexander Zammit, dwar il-preparazzjoni tal-attività. Ġie kkonfermat li se jipparteċipaw il-kantanta Brooke Borg, il-Grupp SKALD, is-Sopran Mariah Costa u kantanti oħra fosthom Amy Farrugia, filwaqt li ntlaqgħu wkoll talbiet minn tfal oħra li jixtiequ jkantaw. Fir-rigward tal-presepji, is-Sindku spjegat li s-Sur Zammit sab presepju Napoletan u li dan flimkien ma' presepji oħra se jkunu jinħtieġu protezzjoni xierqa, bħal tinda, sabiex ma jiġux affettwat minn xita jew nida. Intqal ukoll li se jittella' avviż fuq il- *FB Page* tal-Kunsill biex min hu interessat jesebixxi l-presepju tiegħu jikkuntattja lill-Kunsill mill-aktar fis. Barra minn hekk, l-attività se tinkludi wkoll it-*trackless train*, *Santa's House* u logħob għat-tfal.

19.07.03 Rigward id-dawl dekorattiv tal-Milied, is-Sindku qalet li apparti dak li ser jintrama fil-Pjazza u fit-toroq iż-żgħar tal-madwar, kif ukoll fi Triq Karmenu Ciantar u fi Triq il-Konvjoj, din is-sena irridu narmaw ukoll parti minn Triq il-Madonna tal-Ġilju, quddiem il-*Football Club*, kif kien diġà deċiż f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Is-Sindku żiedet tgħid li min-naħa tal-Każin tal-Futbol se jipprovdu huma d-dawl meħtieġ, sabiex ma jkunx hemm bżonn napplikaw għal dawl temporanju. Hija tablet lill-Viċi Sindku sabiex jassisti fejn jidħol l-armar tad-dawl mill-każini.

19.07.04 Is-Sindku infurmat li, fir-rigward tal-Party tal-Milied għat-Tfal skedat għal nhar is-Sibt, 20 ta' Diċembru 2025 fis-2.00 p.m., hija se taħdem fuq il-*poster* tal-attività. Dwar il-Quddiesa segwita b'Bibita għall-Għaqdiet, ġie mfakkar li din diġà kienet diskussa u kien hemm qbil li ssir nhar il-Ħadd, 11 ta' Jannar 2026. Il-Kunsillieri ddiskutew ukoll id-data għall-ikla tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena tal-Kunsill, u kien hemm qbil li din issir nhar is-Sibt, 17 ta' Jannar 2025 filgħaxija, fejn ġie suġġerit restorant f'Ħaż-Żebbuġ bħala l-post tal-attività.

19.07.05 Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dawn il-punti msemmija.

**19.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

19.08.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

**19.09 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

19.09.01 Irċevejna talba mingħand resident biex issir mera fi Triq il-Konvoj faċċata Triq il-Katakombi, għaliex bis-siġar li hemm fit-truf tas-*central strip*, ix-xufiera ma jkunux jistgħu jaraw min ikun ġej min-naħa tal-Qrendi u min-naħa tal-Belt biex joħorġu għal ġol-*bypass*. Is-Sindku qalet li se titkellem ma' Ambjent Malta biex tara jistgħux jinżabru l-imsemmija siġar, filwaqt li talbet lis-SE tipproċedi bit-talba għal mera ma' TM. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.09.02 Irċevejna talba għal mera oħra fi Triq Ħal Farruġ. Il-Kunsillieri qablu li jekk taqa' fil-konfini tal-Imqabba, issir it-talba għaliha. Filwaqt li jekk le, niggwidaw lil min għamel it-talba biex imur għand il-Kunsill responsabbli. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.09.03 Irċevejna talba sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq il-Franka. Is-Sindku qalet li bħalissa ma jistgħux isiru marki tat-triq minħabba li t-triq għadha mhix miksija bit-tarmak. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

19.09.04 Irċevejna talba sabiex isiru linji sofor faċċata tar-residenza tiegħu għaliex bil-vetturi pparkjati, il-vetturi kbar li jkunu ġejjin min-naħa tat-torri, qed jagħfsu għal fuq in-naħa tad-dar tiegħu biex jgħaddu. Is-Sindku fakkret li dan il-każ kien diġà ġie diskuss u ttieħdet deċiżjoni dwaru. Għaldaqstant, ġie deċiż li r-resident jingħata risposta li l-każ diġà ġie deċiż u li diġà kien infurmat dwar ir-riżultat dak iż-żmien. Il-Kunsillieri kollha qablu u ħadu nota ta' dan.

19.09.05 Irċevejna lment li viċin il-ġibjun il-miftuħ qed ikun hemm *illegal dumping* f'dik il-plot abbandunata li hemm bejn Triq il-Franka u Triq il-Ħajt tal-Matla. Is-Sindku fakkret sabiex ngħaddu rapport dwar l-istat ta' din il-*plot*, lill-Pulizija, lis-Sanità u lill-ERA. Il-Kunsillieri qablu u ħadu nota ta' dan.

19.09.06 Irċevejna korrispondenza mingħand residenta fi Triq San Innoċenzju li talbet li jitranġaw il-*parking bays* u l-marki tat-triq f'din iż-żona. Intqal li l-istess residenta allegatament irrappurtat dwar kaxxa safra quddiem garaxx li, skont l-informazzjoni li għandha, ma jintużax bħala tali, u għalhekk ikun qed jinħela spazju għall-parkeġġ. Is-Sindku talbet lis-S.E. biex tgħaddi din l-informazzjoni lil TM sabiex issir spezzjoni, kif ukoll sabiex ningħataw gwida dwar kif għandhom jiġu riveduti l-marki kollha tat-triq imsemmija. Il-Kunsillieri qablu u ħadu nota ta' dan.

**19.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

19.10.01 Il-Viċi Sindku ressaq ilment dwar dislivell perikoluż li jinsab f'parti mis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, li qed ipoġġi f'riskju lil dawk li jgħaddu bil-mixi minn hemm. Is-Sindku qalet li din hija parti mil-proġett tal-bypass imwettaq minn IM u għalhekk iddeċidiet li l-każ jintbagħat lil IM, fejn jingħataw żmien ta' ħmistax-il ġurnata biex issir it-tiswija meħtieġa. Jekk dan ma jsirx fi żmien dan il-perjodu, ix-xogħol ser jitwettaq mill-Kunsill innifsu. Is-Sindku qalet li din il-korrispondenza għandha tintbagħat ukoll lil TM u jkun ikkupjat ukoll is-Sur Michael Cohen. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' dan u ħadu nota.

19.10.02 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll fuq il-kurduna f'tarf is-*central strip* imsemmija fil-punt preċedenti, li tinsab kważi mirduma fil-ħamrija u li wkoll għandha titranġa. Kien hemm qbil li IM tkun infurmata dwar dan ukoll sabiex twettaq il-manutenzjoni meħtieġa fuqha. Is-Sindku qalet li din il-korrispondenza għandha tintbagħat ukoll lil TM u jkun ikkupjat ukoll is-Sur Michael Cohen. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.10.03 Il-Viċi Sindku ressaq talba għal *road hump* f'tarf Triq San Innoċenzju kantuniera ma' Triq M'Ang Sapiano. Is-Sindku qalet li f'każijiet bħal dawn, l-ewwel għandna nikkonsultaw mar-residenti. Il-Kunsillieri qablu li tintbgħat ittra ta' konsultazzjoni.

19.10.04 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsillieri li fi Triq il-Kileb, faċċata tal-binja l-ġdida, hemm żewġ *bays* tal-parkeġġ, waħda bajda u oħra safra, u spjega li qabel ma nbniet il-binja l-ġdida, il-*bay* is-safra kienet tgħin biex ikun aċċessibbli l-garaxx li kien jinsab faċċata. Issa li l-garaxx jinsab faċċata tal-*bay* il-bajda, il-proprjetarju ma jistax juża l-garaxx tiegħu b'vetturi pparkjati faċċata. Għaldaqstant, il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-*bays* jiġu mibdula, jiġifieri li s-safra tinbidel f'bajda u l-bajda f'safra kif ukoll isiru l-"mustaċċi" mal-koxox tal-imsemmi garaxx. Il-Kunsillieri preżenti qiesu l-każ u, bi qbil unanimu, approva li ssir din il-bidla, kif u koll il-"mustaċċi".

19.10.05 Il-Kunsillier Galea irrefera għal rapporti preċedenti dwar arblu tad-dawl milqut fi Triq Valletta, qabel id-daħla tad-Denfar, li għadu ma ġiex imsewwi, kif ukoll dwar lampa tat-triq mitfija fi Triq il-Qrendi. Fid-dawl li dawn il-każijiet ġew irrappurtati lill-Enemalta iżda għadhom ma ġewx solvuti, is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex tipprepara lista bil-każijiet kollha pendenti relatati mal-Enemalta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

19.10.06 Il-Kunsillieri Sciberras issuġġerixxa jekk jistax isir xi dawl, imqar solari man-niċċa li għadha kemm ġiet restawrata fi Triq San Bażilju. Is-Sindku spjegat li normalment tali installazzjonijiet isiru mill-privat, billi n-niċċa tinsab fil-faċċata ta' proprjetà private. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**19.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/19**

19.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/19 ġiet approvata.

**19.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

19.12.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2025 fis-6:00 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 11 ta' Novembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |